

Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsubin għaċ-ċirkulazzjoni

(2011/C 189/07)



Il-wiċċ nazzjonali tal-munita commemorattiva l-ġdida ta' EUR 2, maħsuba għaċ-ċirkulazzjoni u maħruġa minn Monako

Il-muniti tal-euro maħsubin għaċ-ċirkulazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti tal-euro l-ġodda kollha sabiex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti dwar dan ⁽¹⁾. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Komunità li jiddisponi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati joħorġu muniti commemorattivi tal-euro maħsubin għaċ-ċirkulazzjoni b'ċerti kundizzjonijiet, partikolarment bil-kundizzjoni li dawn ikunu biss muniti ta' EUR 2. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikollu disinn commemorattiv li jkun simboliku ħafna f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Pajjiż emittenti: Monako

Suġġett tal-kommemorazzjoni: iż-żwieġ tal-Prinċep Albert u Charlene

Deskrizzjoni tad-disinn:

Il-parti ta' ġewwa tal-munita turi, fiċ-ċentru, ix-xbihat tal-Prinċep Albert u Charlene. Fil-parti ta' isfel jidher isem il-pajjiż emittenti "MONACO" u s-sena tal-ħruġ "2011". Il-marka taz-zekka u l-marka tal-inċiżuri taz-zekka jidhru qabel u wara l-kliem "MONACO 2011" rispettivament.

L-ċirku estern tal-munita juri t-tnax-il (12) stilla tal-bandiera Ewropea.

Tiratura ta' muniti: 148 000

Data tal-ħruġ: it-2 ta' Lulju 2011

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ekonomiku u tal-Affarijiet Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).